MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 305/2015/1 LM

**Kevin Camilleri (K.I. 0024183M)**
*(l-appellat)*

***vs*.**

**Emanuel Grixti (K.I. 0128558M)**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Emanuel Grixti** [minn issa ’l quddiem “l-appellant”] mis-sentenza mogħtija fil-21 ta’ Marzu, 2018, [minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”], mill-Qorti tal-Maġistrati [minn issa ’l

quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċidiet ir-rikors tar-rikorrent **Kevin Camilleri** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] kif ġej:

> *"Għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut qiegħda tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) kif jirriżulta minn dak mitlub minnu fid-dokument KC6 li fl-ebda ħin ma ġie kkontestat mill-konvenut bħala* quantum *u mhux is-somma erroneja ta' tlett elef u disgħa mitt Euro (€3,900) kif imsemmija fl-*affidavit *tal-attur Kevin Camilleri.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Jannar, 2015 u bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors odjern."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw inċident [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fis-7 ta' Novembru, 2014, fi Triq Sqaq Ballott, iż-Żurrieq, fejn ħajt ta' għalqa li huwa s-sid tagħha l-appellant, waqa' fuq il-vettura [minn issa 'l quddiem "il-vettura"] tal-appellat tal-marka *Mitsubishi Pajero* numru ta' reġistrazzjoni LCJ 436, li kienet ipparkeġġjata ħdejh.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' rikors fejn ħarrek lill-appellant sabiex iħallas danni, f'somma li qal ma kinetx teċċedi €4,000, li sofra meta waqa' l-ħajt tal-għalqa tal-istess appellant fi Triq Sqaq Ballott, iż-Żurrieq fuq il-vettura tiegħu, liema ħajt l-appellat ikkontenda li ma kienx mibni skont is-sengħa u l-arti u miżmum kif għandu jkun. L-appellat talab

ukoll li jitħallsu lilu l-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Jannar, 2015.

4. L-appellant wieġeb billi eċċepixxa li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-appellat kienu infondati fil-fatt u fid-dritt għal dawk ir-raġunijiet li huwa fisser fir-risposta tiegħu.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"**Ikkunsidrat:***
>
> *Illi l-Qorti sejra l-ewwel nett tgħaddi biex tqis l-azzjoni attriċi dwar id-danni mġarrba fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha. Biex tagħmel dan, u fil-qafas taċ-ċirkustanzi li jsawru l-każ, jeħtiġilha tqis sewwa l-kostatazzjonijiet ta' għamla teknika li ta' bilfors jiddominaw il-kwistjoni.*
>
> *In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrek jaħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbiltà ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa [fn. 1 P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet **'Michael D'Amato noe vs Fiomena Spiteri et'**];*
>
> *Illi huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha [fn. 2 Art. 1031 tal-Kap 16], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għemilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [fn. 3 Art. 1032(1) tal-Kap 16]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk [fn. 4 Art. 1033 tal-Kap 16].*

*Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor [fn. 5 Art. 1029 tal-Kap 16];*

*Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-ommissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-ommissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-ommissjoni, u kif ukoll d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-egħmil jew ta' dik l-ommissjoni, li f'dan il-każ l-ommissjoni kienet tikkonsisti billi l-konvenut ma ħax ħsieb li jibni l-ħajt skont is-sengħa u l-arti.*

*Għar-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbiltà huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ġarrab l-ħsarat li minnhom jilmenta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalità bejn l-egħmil (jew l-ommissjoni tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mill-attur; Illi l-attur jibni l-azzjoni tiegħu għad-danni fuq iċ-ċirkostanza ewlenija li l-imħarrek naqas li jara li meta in effetti bena fuq il-ħajt tas-sejjieħ 'l fuq mill-bini li kien tella' il-Gvern, naqas li jieħu prekawzjoni sabiex ix-xogħol li għamel il-konvenut kien skont is-sengħa u l-arti. Huwa appuntu minħabba dan in-nuqqas da parti tal-konvenut li l-attur sofra danni meta waqa' il-ħajt tas-sejjieħ proprjetà tal-konvenut, fuq il-vettura tiegħu;*

*Illi, min-naħa tiegħu l-imħarrek jiddefendi ruħu fuq żewġ argumenti:*

*Huwa jiċħad ir-responsabbiltà kemm fuq il-kriterju tal-forza maġġuri u kif ukoll dik tal-kontributorjetà min-naħa tal-attur li pparkja l-vettura fi trejqa fejn ma kienx hemm sinjali ta' parkeġġ permess.*

*Dwar tal-ewwel jgħid li l-ħajt waqa' għal fuq il-vettura tal-attur* rriżultat ta' maltempata qalila li għamlet ħsara u ġabet ħerba ma' Malta kollha u mhux biss ħsarat lill-attur; tat-tieni għaliex jgħid li jekk tabilħaqq waqa' l-ħajt, dan ġara għaliex l-attur ipparkja il-vettura tiegħu f'post fejn ma kienx hemm sinjali ta' parkeġġ;*

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 – il-kelma konvenut ġiet sostitwita bil-kelma attur]*

*Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin ma' ċirkostanza bħal din iduru mal-kostatazzjoni li l-ħsara tkun ġrat minħabba xi azzjoni tal-konvenut li kkaġunat dik il-ħsara lamentata mill-attur. F'qagħda bħal din, titnissel dik li tissejjaħ* "in-natura oġġettiva tar-responsabbiltà" *li tinbena fuq ir-responsabbiltà li kull sid ta' proprjetà titfa' fuqu l-liġi biex iħares u jikkontrolla ħwejġu kif imiss.*

*F'dan ir-rigward, ingħad ukoll li:*

"ġaladarba teżisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu nnifsu kriterju ta' responsabbilità, in kwantu jimponi fuq min għandu d-disponibilità tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbiltà għas-seħħ ta' ċerti eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħu. Anzi, dejjem fil-każ tal-ispeċje hawn eżaminat, strettament id-danneġġat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż u, kważi kważi, din hi irrilevanti in kwantu hu lanqas ma għandu l-possibilità li jaċċedi fil-fond li minnu oriġinat il-ħsara u, allura, teżisti anke d-diffikultà estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond" *[fn. 6 App.Inf. PS 23.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet GasanMamo Insurance Ltd noe vs Doreen Vella et].*

*Illi l-Qorti sejra tibda l-ewwel billi tqis id-difiża tal-forza maġġuri. Fis-sottommissjonijiet tiegħu tal-aħħar, l-għaref difensur tal-imħarrek saħaq fuq dan l-aspett tad-difiża billi irrefera għall-provi mressqa mill-klijent tiegħu dwar il-qilla tal-maltempata li laqtet lil Malta dakinhar.*

*Huwa minnu li dakinhar il-maltempata kienet waħda mill-eqqel li laqtu lill-Gżejjer Maltin f'bosta snin. L-imħarrek ressaq ukoll bosta provi nkluż dawk dokumentali maħruġa mill-uffiċċju metereoloġiku li juri li dik il-maltempata kienet mifruxa ma' Malta kollha u li kien hemm ħerba. Jekk inhu hekk, kien jaqa' fuqu l-piż li jipprova dak li jallega;*

*Illi dwar din l-għamla ta' difiża li tneħħi l-ħtija minn fuq persuna [fn. 7 Art. 1029 tal-Kap 16], huwa stabbilit li min iqanqal difiża bħal din jaqa' fuqu l-obbligu li jippruvaha [fn. 8 P.A. DS 13.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet Nancy Caruana vs Odette Camilleri (konfermata fl-appell 27.2.2004)], la darba ċirkostanza bħal din ma tistax tkun preżunta meta jseħħ inċident. Minbarra dan, huwa aċċettat li aċċident m'huwiex entità astratta, imma huwa fatt li jkun ġara kif inhu fix-xorta u l-entità tiegħu, jiġifieri* "event bl-inċidenti inerenti miegħu inkwantu minnu jidderivaw danni: il-kwestjoni m'hijiex biss ta' kawżalità, iżda wkoll ta' responsabbiltà, u min bin-negliġenza tiegħu ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża d-danni li jkunu ġraw, ikun ikkawża jew ikkontribwixxa biex jikkawża l-'aċċident' u *pro tanto* jkun responsabbli għalihom." *[fn. 9 App. Ċiv. 2.3.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol:XLVIII.i.163)]*

*F'dan ir-rigward ukoll, tajjeb li jingħad li, biex tkun tiswa d-difiża tal-forza maġġuri f'aċċident, ma jridx ikun hemm xi sehem, pożittiv jew negattiv (fis-sens ta' ommissjoni jew nuqqas) tal-bniedem [fn. 10 App.Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Elmo Insurance vs Joseph Micallef et].* Minbarra dan, huwa mgħallem ukoll li biex

ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li tkun inevitabbli, (sottolinear ta' din il-Qorti) b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*." *[fn. 11 P.A. 7.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef vs Belle McCance noe (Kollez. Vol: XXXVII.ii. 636)].*

*Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi ħadd jallega li jkun sab ruħu f'qagħda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita l-aċċident, ikun irid ta' bilfors juri li jkun sab ruħu f'dik il-qagħda bla ħtija tiegħu:* "inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his part." *[fn. 12 Charlesworth Law of Negligence (2nd. Edit) pġ. 509].*

*Illi fil-każ in desamina jirriżultaw is-segwenti fatti dwar il-ħajt li waqa':*

1. *Il-konvenut għandu għalqa Triq Sqaq Ballott, Żurrieq, Malta, li kellha madwarha ħajt li erbgħa filati minnu kienu mibnija mill-Gvern.*
2. *Illi fuq dan il-ħajt però kien hemm xi filati oħra li ġew mibnija mill-konvenut u skond il-perit* ex parte *Godwin Abela, l-parti tal-ħajt li waqa' effettivament ma kellhux pilastri biex jorbtuh. Dik il-parti partikolari ma kellhiex waqt li l-kumplament kellu. Dan hu evidenti wkoll mir-ritratti li ġew esebiti mill-attur.*
3. *Illi jidher li għalhekk il-ħajt waqa' mhux minħabba il-maltemp iżda għaliex ma kienx ġie mibni skont is-sengħa u l-arti.*
4. *Jirriżulta li fil-madwar kien hemm għelieqi oħra b'ħitan tal-istess sura li ma waqgħux, liema ħitan però kienu mibnija mill-Gvern u ma kellhom l-ebda żieda fuqhom.*
5. *Jirriżulta wkoll li meta waqa' dan il-ħajt dan waqa' fuq il-vettura tal-attur.**
6. *Ħsarat oħra fil-madwar ma kienx hemm minkejja li kien hemm il-maltemp u dan jirriżulta mix-xhieda l-oħra imressqa mill-istess attur.*

*Għaldaqstant, jingħad f'dan ir-rigward li d-difiża tal-aċċident inevitabbli ma tistax titqajjem b'suċċess kemm-il darba tirriżiulta negliġenza min-naħa ta' min jinvokaha. [fn. 13 App.Ċiv. 16.1.1984 fil-kawża fl-ismijiet Nażżareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et (mhix pubblikata)] Fuq kollox, fid-difiża tal-forza maġġuri, wieħed ikun irid juri mhux biss li l-ġrajja kienet waħda mhux mistennija jew mhux mixtieqa, imma wkoll li kienet waħda li ma setgħetx tiġi evitata [fn. 14 P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Karl Camilleri vs Dipartiment tal-Agrikoltura]. F'dan il-każ żgur li ma jistax jingħad li tali inċident ma setgħax jiġi evitat. Il-fatt lil-ħajt ma nbniex skont is-sengħa u l-arti hu prova biżżejjed sabiex tipprova in-negliġenza tal-konvenut.*

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 – il-kelma konvenut ġiet sostitwita bil-kelma attur.]*

*Min jeċċepixxi l-forza maġġuri jrid jipprova żewġ fatturi: l-ewwel, l-imprevedibbiltà tal-ġrajja li tkun il-kawża tal-ħsara flimkien man-nuqqas ta' ħtija min-naħa tiegħu dwar il-kawża medjata u immedjata ta' dik il-ħsara [fn. 15 P.A. PS 2.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet George Bonniċi noe vs Nicholas Ellul et (mhiex appellata)]; Issa fil-każ in desamina jekk forsi jingħad li l-ġrajja kienet imprevedibbli żgur però li ma jistax jingħad li l-konvenut m'għandux ħtija għal dan in-nuqqas tiegħu.*

*Illi l-Qorti mhijiex tal-fehma li l-imħarrek jista' jinqeda b'din id-difiża tiegħu. Mill-provi miġjuba quddiemha ma ntweriex li l-fattur waħdieni li wassal biex ġiet kaġunata l-ħsara fuq il-vettura proprjetà tal-attur kienet il-qilla tal-maltempata.*

*Id-danni ġew kaġunati fuq il-vettura tal-attur* għaliex l-imħarrek ma ħax ħsieb jiżgura li l-ħitan tiegħu kienu milqugħa biżżejjed biex ma jaqgħux u jibqgħu hemm maż-żminijiet. Hekk jidher li ġara: l-qilla tal-maltemp bl-ilmijiet ma għenux sabiex ġiet krejata l-instabbilità fil-ħajt però l-ħajt waqa' mhux minħabba l-ilmijiet iżda minħabba li ma kellux ilqugħ tajjeb kif* del resto *stqarr il-perit tekniku; Il-konvenut ma kkontestax ir-rapport* ex parte *tal-Perit Godwin Abela. Stqarr biss fix-xhieda tiegħu li 'l fuq mill-għoli li bena l-Gvern kien għamel filata oħra. Dan mhux minnu għaliex mir-ritratti jirriżulta li in effetti kienu erba' filati li żied. Dan hu wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Kevin Camilleri li jgħid* ex admissis *li "*fil-fatt il-Gvern kien tah erba' filati u dan ġabu tmienja". *Antonio Zarb fix-xhieda tiegħu wkoll jgħid* ex admissis *"*li mbagħad Grixti kompla jtella' l-filati fuq dak li kien bena l-Gvern u fil-fatt il-ħajt tiegħu kien u għadu ogħla minn tal-oħrajn. Qal ukoll li l-ħajt li bena Grixti ma sarx sew u filfatt ma kienx fih ktajjen u lanqas toqob biex jgħaddi l-ilma tax-xita u għalhekk ma kinitx sorpriża li waqa'".

*[*korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-10 ta' April 2018 fuq rikors tat-22 ta' Marzu 2018 – il-kelma konvenut ġiet sostitwita bil-kelma attur]*

*Il-Qorti tal-Appell kellha okkażjoni tikkonsidra l-eċċezzjoni ta'* "force majeure" *fil-kuntest ta' maltempata fil-kawża:* ***Mizzi vs Paris et*** *(27 ta' Marzu, 2009) u dik il-Qorti f'dik is-sentenza esprimiet ruħha b'dan il-mod:*

"Skont il-Liġi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. F'każijiet bħal dawn min jallega li dak li ġara kien dovut minħabba forza maġġuri, jew *casus* għandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta' probabilità.

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-każ ma kienx hemm biss avveniment insolitu, sproporzjonat, iżda kien hemm ukoll ommissjoni da parti tal-konvenut sabiex jipprova li l-inċident ma kienx wieħed inevitabbli, b'mod li ma setax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Din il-preveddibilità kellha tkun ta' probabbiltajiet raġonevoli u mhux ta' possibiltajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p. 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)". In konklużjoni għalhekk jingħad bla tlaqliq li l-eċċezzjoni ta'* force majeure *tirnexxi biss f'kundizzjoni ta' inevitabbilità.*

*Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li d-difiża tal-forza maġġuri hija tajba.*

*Il-konvenut fit-trattazzjoni orali tiegħu jgħid li* in pessima *ipotesi jekk l-eċċezzjoni tal-*force majeure *ma tiġix milqugħa allura il-Qorti għandha tqis il-kontributorjetà tal-attur minħabba l-post li huwa għażel sabiex jipparkja l-vettura tiegħu.*

***Kontributorjetà***

*Illi dwar id-difiża tal-kontributorjetà min-naħa tal-attur, il-liġi trid li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet [fn. 16 Art. 1051 tal-Kap 16]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra [fn. 17 App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet Galdes vs Micallef (Kollez. Vol: XLVIII.i.59)], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti [P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Onorato Buġeja vs Dennis Aġius]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara [fn. 19 P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li* onus incumbit et qui dixit, *u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel f'hiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li*

*jkun hemm kontributorjetà fejn persuna tonqos milli tħares xi obbligu jew rabta dettata mil-liġi. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li* volenti non fit iniuria;

*Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet għażlet li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-għażla tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibiltà tar-riskju li dieħla għalih [fn. 20 Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP 31.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c. (mhix appellata)]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-egħmil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-egħmil tal-parti l-oħra [fn. 21 P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomenta Spiteri et (mhix appellata)]. L-aspett tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor; [fn. 22 P.A. GCD 7.12.2004 fil-kawża fl-ismijiet Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta (mhix appellata)]*

*Illi jekk wieħed jieħu l-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru u jkejjilhom ma' dak li ġara fil-każ tal-lum, m'għandux ikun hemm wisq dubju biex jasal għall-fehma li l-attur ma jistax jitqies li tassew ġab b'idejh il-ħsara li sofra fl-inċident mertu tal-każ. Il-fatt li huwa pparkja l-vettura tiegħu taħt ħajt proprjetà tal-konvenut fi trejqa, bl-ebda mod m'għandu jfisser li huwa espona ruħu għad-danni. Dan għaliex huwa preżunt li min jibni ħajt madwar il-proprjetà tiegħu jibnih skont is-sengħa u l-arti. Kienet tkun ċirkostanza differenti jekk per eżempju l-attur qabad u pparkja l-vettura tiegħu f'post fejn kien hemm xi sinjali li qed isiru x-xogħlijiet u njora tali avviż u pparkja xorta. Jew addirittura kieku l-attur ipparkja l-vettura tiegħu f'post projbit minħabba xi periklu, li żgur mhux il-każ.*

*Illi għalhekk il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tajba għaliex ma jmisshiex toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet tal-Perit Godwin Abela, xhud* ex parte *mhux kontradett, u ma hemmx raġunijiet li fuqhom imissha, kif jissuġġerixxi l-imħarrek, titbiegħed minnhom [fn. 23 Art. 681 tal-Kap 12]. Il-fehmiet tiegħu, minbarra li jaqblu, huma mfissra b'mod tajjeb u ċar biżżejjed biex il-Qorti tgħarbel liema, mill-verżjonijiet tal-partijiet, tista' toqgħod fuqha u liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fattwali li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment tagħha. Huma wkoll fehmiet li la huma kontra r-raġuni u lanqas imorru kontra xi dispożizzjoni tal-liġi;*

*Illi l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu jgħid ukoll li* una volta *huwa ma nstabx ħati mill-Qorti Kriminali li kkaġuna ħsara involontarja lill-attur, allura addirittura din il-Qorti ma tistax tiddkjara li in effetti l-ħsarat li sofra l-attur huma imputabbli lill-konvenut. Bir-rispett kollu dan ir-raġunament ma jagħmilx sens u dan għaliex il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati minn xulxin u ma jorbtux lil xulxin.*

***Likwidazzjoni tad-Danni***

*Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba jingħad li din hija l-konsegwenza diretta mas-sejbien tal-ħtija. L-imħarrek laqa' billi qal li ma kellux jagħmel tajjeb għan-nefqa tal-ħsarat li sofra l-attur għaliex dawk ma ġewx kaġunati tort tiegħu.*

*Illi, ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-imħarrek jaħti għal dak li ġara, trid tara liema huma d-danni mitluba u liema huma d-danni ppruvati. L-attur jitlob kumpens ta' danni dwar id-danni li huwa sofra fl-ammont ta' madwar tlett elef u disa' mitt Euro (€3,900) skont stima esebita minnu fl-atti u mmarkata bħala Dok. KC6). Spjega li nofs il-karozza sofriet ħsara, kien hemm ħsara fis-saqaf, fil-*windscreen*, fil-*bonnett*, fil-faċċata u fil-ġenb kollu. Illi l-konvenut ma kkontestax dawn il-ħsarat fis-sens li ma ressaq l-ebda prova sabiex jindika li dan il-quantum kien esaġerat jew mhux dovut."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-10 ta' April, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

*"**TIRREVOKA** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ċivil), datata l-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan billi:*

1. ***TĦASSAR U TIRREVOKA** dik il-parti tal-istess sentenza fejn laqgħet it-talbiet kollha tal-attur u ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut.*

2. ***TIĊĦAD IT-TALBIET KOLLHA*** *sollevati mill-atturi u b'hekk* ***TILQA'*** *l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;"*

L-appellant iressaq dawn iż-żewġ aggravji: (1) l-ewwel Qorti donnu skartat għal kollox il-provi tiegħu fir-rigward tad-difiża ta' forza maġġuri; u (2) l-ewwel Qorti wkoll m'għamlitx apprezzament xieraq tal-provi mressqa minnu fir-rigward tan-negliġenza kontributorja tal-appellat.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellat min-naħa tiegħu jilqa' billi jissottometti li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra ż-żewġ aggravji tal-appellant, flimkien mas-sottommissjonijiet tal-appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: l-ewwel Qorti donnu skartat għalkollox il-provi tiegħu fir-rigward tad-difiża ta' forza maġġuri*

9. L-appellant filwaqt li jsostni li huwa qatt ma kellu tort għall-fatt li kien waqa' l-ħajt tal-għalqa tiegħu fuq il-vettura tal-appellat, jilmenta li l-ewwel Qorti għalkemm aċċennat għad-difiża tiegħu li dan seħħ minħabba l-

maltempata qawwija ta' dakinhar, donnu skartat għalkollox il-provi tiegħu. L-appellant jagħmel riferiment għall-artikolu 1020 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li l-każ odjern kien jaqa' taħt dan il-provvediment tal-liġi. Iżda meta l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha, huwa jgħid li ħadet biss inkonsiderazzjoni li xi xhieda mressqin minnu stess kienu qalu li huma ma kinux jafu b'ħitan oħra li kienu waqgħu dakinhar. Dan filwaqt li huwa ressaq l-aħjar prova, jiġifieri rappreżentant tal-Uffiċċju Metereoloġiku li xehed dwar il-maltempata. Kien xehed ukoll is-Sindku taż-Żurrieq Ignatius Farrugia, li ftakar li kien mar ikellmu l-appellant u anki li fil-Kunsill kienu daħlu diversi rapporti ta' ħsarat anki ta' siġar u ħitan imwaqqgħin. Ix-xhieda ta' Antoine Borg, xhud prodott mill-appellat, ukoll kienet konferma tal-qawwa tal-maltemp ta' dakinhar. Huwa jagħmel ukoll riferiment għax-xhieda ta' kuntistabbli tal-Pulizija fejn dan ftakar li kien hemm ħafna ħsarat riżultat ta' dik il-maltempata. L-appellant ikompli billi jagħmel riferiment għall-mod kif kien inbena l-ħajt inkwistjoni, fejn fil-fehma tiegħu ġew ukoll skaratati l-provi mill-ewwel Qorti. L-appellant jissottometti li huwa kien biss żied filata fuq il-kumplament tal-ħajt li nbena mill-Gvern, filwaqt li mhux dik il-filata biss kienet waqgħet kawża tal-maltemp iżda anki diversi filati oħra. L-appellant jagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Argus Insurance Agencies Limited (C597) et *vs.* Kevin Micallef** li kienet ġiet deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2017, fejn il-fatti kienu l-istess bħal dawk fil-proċeduri odjerni. Hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet iddikjarat li sforz il-maltempata qawwija, il-każ ma setax jiġi evitat. Dwar dak li xehed il-Perit Godwin Abela, l-appellant jisħaq li dan qatt ma kien eżamina l-ħajt u lanqas kien kellem lill-appellant.

10. L-appellat min-naħa tiegħu jissottometti li għalkemm ma kienx kontestat il-fatt li dakinhar tal-inċident il-gżejjer Maltin kienu ġew maħkuma minn maltemp, ma kienx minnu li dan kien proprju ċiklun u/jew li l-ħsarat fil-vettura ma kinux riżultat tan-negliġenza tal-appellant. Ix-xhieda ta' dan tal-aħħar li huwa kien tella' biss filata fuq il-ħajt mibni mill-Gvern, kienet ġiet kontradetta mix-xhieda ta' ġirien tal-għalqa tiegħu. Dawn saħansitra xehdu fuq il-mod kif kienu ġew miżjuda l-filati mill-appellant mingħajr l-użu ta' ktajjen, pedament dobblu u toqob sabiex igħaddi l-ilma minnhom. L-istess kien xehed il-Perit Godwin Abela meta mir-ritratt meħud mill-ajru seta' jikkonstata li l-ħajt kien mibni mingħajr ktajjen. Il-Perit Abela jirrileva li l-appellant tant kien jaf li l-ħajt ma kienx inbena skont is-sengħa u l-arti, li meta reġa' tellgħu, dan kien ħa ħsieb li l-ħajt jinbena kif kellu jinbena, u dan kif turi x-xhieda ta' Antonio Zarb, apparti dik tal-Perit Abela.

11. Il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti tajjeb iddeċiedet meta qalet li d-difiża ta' forza maġġuri ma setgħetx tiġi milqugħa u li l-inċident seħħ minħabba li l-ħajt tal-għalqa tal-appellat ma kienx inbena skont is-sengħa u l-arti. Qabel xejn, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti għamlet riferiment għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti għall-każ odjern. Wieħed jitlaq mill-prinċipju ġenerali li joħroġ mill-artikolu 1031 tal-Kap. 16, jiġifieri li kulħadd għandu jwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu, iżda kif jipprovdi s-subartikolu li jsegwi, is-subartikolu 1032(1), ir-responsabbiltà hija limitata fejn ma tkunx intużat il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. L-ewwel Qorti għarfet ukoll li l-artikolu 1033 tal-Kap. 16 jipprovdi għall-eventwalità li tiġri l-ħsara minħabba għemil jew nuqqas ta' għemil, li jkun sar kemm bil-ħsieb

u wkoll mingħajr ħsieb li jsir id-deni, jew b'rieda kif ukoll b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb. Iżda għarfet ukoll dak li jiddisponi l-artikolu 1029 tal-Kap. 16 u li huwa l-qofol ta' dan l-ewwel aggravju tal-appellant:

> *"Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara."*

12. L-ewwel Qorti irrilevat li fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbilità, kellu jintwera li l-ħsarat mġarrba mill-appellat kien jaħti għalihom l-appellant, u din kienet ir-rabta ta' kawżalità li fuqha kienet imsejsa l-azzjoni odjerna. Iżda qabelxejn l-ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat id-difiża tal-appellant ta' forza maġġuri. Hawnhekk iddikjarat li kien minnu li dakinhar maltempata qawwija kienet ħakmet lill-gżejjer Maltin, u saħansitra tagħmel riferiment għall-provi mressqa mill-appellant, fosthom dokumenti maħruġa mill-uffiċċju metereoloġiku. Meħud inkonsiderazzjoni l-fatt li l-ewwel Qorti qieset bħala ppruvata l-maltempata li allegatament seħħet dakinhar tal-inċident, din il-Qorti hawnhekk tikkunsidra li aktar minn hekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel. Għalhekk l-ilment tal-appellant li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-provi tiegħu, mhuwiex f'loku. Aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li ma jidhirx li l-fatt li dakinhar tal-inċident seħħet maltempata qawwija, kien ġie ikkontestat mill-parti l-oħra jew li l-ewwel Qorti kellha xi dubju dwaru.

13. Issa l-ewwel Qorti qalet ukoll li sabiex din id-difiża tkun tiswa, m'għandux ikun hemm xi sehem pożittiv jew negattiv fis-sens ta' ommissjoni jew nuqqas, da parti tal-bniedem u għandu jirriżulta li dak il-bniedem ikun sab

ruħu f'dik il-qagħda mingħajr ħtija tiegħu. Hawnhekk l-ewwel Qorti għamlet diversi riferenzi għall-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati in sostenn tal-konsiderazzjonijiet tagħha. Minn hemm għaddiet sabiex applikat għall-każ odjern il-prinċipji enunċjati fil-liġi, flimkien ma' dawk miżmuma ferm fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Elenkat il-fatti li din il-Qorti tqis li huma bla dubju l-aktar rilevanti għall-vertenza odjerna u ddeċidiet li d-difiża tal-appellant ma kinetx tiswa, għaliex għalkemm kienet irriżultat l-imprevedibbiltà tal-maltempata, kienet tirriżulta negliġenza da parti tal-appellant mill-fatt li l-ħajt ma kienx bnieh skont is-sengħa u l-arti.

14. L-ewwel Qorti osservat li l-ħajt waqa' mhux minħabba l-ilmijiet, iżda minħabba li ma kellux ilqugħ tajba, kif stqarr l-espert *ex parte* il-Perit Godwin Abela. Din il-Qorti tirrileva li fir-rapport tiegħu l-Perit Abela b'riferiment għar-ritratt meħud mill-ajru, ikkonstata li l-ħajt kien mibni mingħajr pilastru u dan reġa' tennih billi spjega fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016[1] li kienet proprju dik il-parti tal-ħajt li waqgħet li *"...ma kellhiex pilastri biex jorbtuh."* Dan il-fatt, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, qatt ma ġie kontestat mill-appellant.

15. L-ewwel Qorti rrilevat li l-appellant kien stqarr fix-xhieda tiegħu li huwa kien bena biss filata oħra fuq l-għoli li kien bena l-Gvern, iżda sostniet li dan ma kienx minnu minn dak li kien jirriżulta mir-ritratti, filwaqt li għamlet riferiment wkoll għax-xhieda tal-appellat u dik ta' Antonio Zarb. Hawnhekk ukoll din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti. Ir-ritratti esebiti mill-

[1] *A fol.* 37 tal-proċess.

appellat[2] juru li kien hemm almenu żewġ filati mibnija aktar riċentement mill-kumplament tal-erba' jew ħames filati tal-ħajt. B'hekk il-ħajt wasal sabiex eċċeda l-għoli tal-vettura peress li r-ritratti juru li parti mill-knaten tal-ħajt waqgħu fuq is-saqaf tal-vettura. Din il-Qorti tirrileva li d-dgħufija taċ-ċint setgħet kienet ukoll konsegwenza tal-fatt li dan ma jirriżultax li kien marbut mal-ħajt tas-sejjiegħ fit-tarf tiegħu. B'hekk aktar u aktar kellha tintuża l-prudenza mill-appellant meta ddeċieda li jgħolli l-ħajt tal-għalqa tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-mod li bih kien mibni dak il-ħajt, l-appellat qal biss li meta xtara l-għalqa, il-ħajt kien *"... ħajt tad-disgħa (9) ... wieħed b'saħtu u ma kienx immermer jew mikul".* L-appellant ma ressaq l-ebda prova ulterjuri sabiex jikkontesta l-allegazzjoni tal-appellat li l-ħajt ma kienx mibni skont is-sengħa u l-arti u li ma kienx miżmum kif kellu jkun.

16. Dan kollu jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi li meta l-appellant għolla l-ħajt tal-għalqa tiegħu, huwa ma ħax ħsieb jiżgura li l-ħajt ma kienx ta' perikolu għal terzi li jagħmlu użu mill-isqaq. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' prova, ma tistax tiġi eċċcepita l-forza maġġuri sabiex titwarrab ir-responsabbiltà tal-appellant għall-akkadut. Għalhekk sewwa qalet l-ewwel Qorti li fil-każ odjern kien hemm ommissjoni da parti tal-appellant li naqas li juri sal-grad ta' probabilità raġonevoli li l-inċident kien wieħed inevitabbli.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ġustifikat u tiċħdu.

[2] *A fol.* 24.

*It-tieni aggravju: in-negliġenza kontributorja tal-appellat*

18. L-appellant jispjega t-tieni aggravju tiegħu billi jagħmel riferiment għall-eċċezzjoni tiegħu mressqa quddiem l-ewwel Qorti. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament xieraq tal-provi li huwa ressaq dwar in-negliġenza kontributorja tal-appellat. Huwa jsostni li l-appellat ma kienx ħalla l-vettura tiegħu f'*parking bay* u għalhekk ma kinetx ipparkjata skont il-liġi. L-appellant isostni li b'hekk l-appellat ikkontribwixxa għall-akkadut. Spjega li l-*parking bays* magħmulin mill-awtoritajiet konċernati juru proprju fejn wieħed għandu jipparkja l-vettura tiegħu. L-ewwel Qorti kellha tikkunsidra dan kollu u fejn sabet responsabbiltà kellha tnaqqas l-ammont ta' danni dovuta minnu. L-appellant hawnhekk jikkontesta l-provi miġjuba mill-appellat in sostenn tat-talba tiegħu għall-ħlas ta' danni. Jirrileva li l-prinċipju tal-qrati li min jallega għandu jġib prova, kien ifisser li kellha titressaq l-aħjar prova.

19. Min-naħa tiegħu l-appellat jikkontesta dan l-aggravju billi jagħmel riferiment għall-L.S. 65.05 fejn ir-Regolament 79 ma kienx jikkontempla l-każ odjern.

20. L-ewwel Qorti wara li affermat l-prinċipji ġenerali li jiddeterminaw kif tista' tirnexxi d-difiża mressqa mill-appellant, iddikjarat li ma kienx hemm wisq dubju li l-appellat ma setax jitqies li ġab fuqu l-konsegwenzi tal-inċident. Tispjega li kien preżunt li min jibni ħajt ikun għamlu skont is-sengħa u l-arti u l-każ odjern ma kienx wieħed fejn l-appellat kien ħalla l-vettura tiegħu f'post fejn kien hemm xi sinjal li juri li kienu qed isiru xi xogħlijiet jew li kien hemm xi projbizzjoni għall-ipparkeġġjar ta' vetturi minħabba periklu.

21. Din il-Qorti qabelxejn tirrileva li ma jidhirx li l-appellant kien ressaq eċċezzjoni formali quddiem l-ewwel Qorti dwar dak li llum qed isostni fuqu f'dan it-tieni aggravju tiegħu. Madankollu minn dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tifhem li d-difiża tal-appellant illum ġiet ristretta għall-fatt li l-appellat ma kellux iħalli l-vettura taħt il-ħajt tal-għalqa tal-appellant għaliex ma kien hemm l-ebda *parking bay* indikata mill-awtorità konċernata għall-ipparkeġġjar ta' vetturi.

22. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ma kienx jirriżulta li l-vettura tal-appellat kienet ipparkeġġjata f'post ipprojbit u għalhekk ma jistax jingħad li kienet tħalliet f'post għar-riskju tiegħu. Il-fatt li ma kienx hemm *parking bay* ma jfissirx bl-ebda mod li l-vettura kienet ipparkeġġjata f'post ipprojbit għaliex f'tali każ kien ikun hemm is-sinjali appożiti sabiex jindikaw li l-parkeġġ huwa pprojbit. Fil-każ odjern ma tirriżulta l-ebda prova f'dan is-sens.

23. Dwar il-kwistjoni tan-nuqqas tal-aħjar prova fir-rigward tad-danni sofferti mill-appellat, din il-Qorti bħal fil-każ tal-ewwel Qorti tikkunsidra li mill-atti ma jirriżultax li l-appellant b'xi mod ikkontesta d-danni inkwistjoni permezz ta' provi li setgħu jġibu fid-dubju l-kontenut tad-dokumenti[3] esebiti mill-appellat. Min-naħa tiegħu dan tal-aħħar esebixxa d-dokumenti flimkien mal-*affidavit*[4] tiegħu, fejn ikkonferma bil-ġurament l-ammont tal-ħsara stmata u l-ħsara li attwalment sofriet il-vettura tiegħu. L-oneru ta' prova kontrarja hawnhekk waqa' fuq l-appellant, li madankollu ddeċieda li jibqa' passiv mingħajr ma saħanasitra għamel kontroeżami tal-appellat.

[3] *A fol.* 21 u 22.
[4] *A fol.* 16.

24. Għaldaqstant din il-Qorti ssib it-tieni aggravju tal-appellat ukoll mhux ġustifikat u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk tal-appell odjern jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**